**5 ta' Marzu, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Cornelius M. Scifo Diamantino

**Rikors ta' Appell – Rekwiżiti – Fatti fil-Qosor – Nullità**

*Ma jiġix sodisfatt ir-rekwiżit tal-fatti fil-qosor jekk fir-rikors isir aċċenn għal xi wieħed biss mill-fatt.*

*Barra minhekk ir-reċitazzjoni tal-fatti fir-rikors ta' appell għandha tkun ċara.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li bih talab ir-revoka tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fid-29 ta' Mejju, 1991 fil-kawża fl-ismijiet premessi, li biha huwa kien ġie misjub ħati (a) li kien naqas milli jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni prospett dwar il-PAYE flimkien ma' l-ammont relattiv tal-flus, (b) li kien naqas Lm1060.000 bħala taxxa addizzjonali (ċ) li kien approprja ruħu indebitament b'Lm530.000 (d) li kien permezz ta' frodi għamel qligħ ta' Lm530.000;

Rat l-eċċezzjoni tan-nullità ta' dak ir-rikors peress li dan ma fihx il-fatti fil-qosor kif rikjest mil-liġi liema eċċezzjoni ġiet issollevata mill-Avukat Ġenerali u rreġistrata fl-udjenza tat-28 ta' Awissu, 1991;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-appellant ippreżentata fit-28 ta' Jannar, 1992;

Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjoni msemmija illi:

1. Wieħed mill-elementi meħtieġa *ad validitatem* tar-rikors ta' l-appell huwa l-indikazzjoni fih tal-fatti fil-qosor (artikolu 419(1)(a) Kapitolu 9);

2. Din id-disposizzjoni li tirrikjedi l-element imsemmi, tirriferixxi għal dak kollu li ġara u rriżulta kemm favur kemm

kontra l-imputat. M'huwiex suffiċjenti li fir-rikors isir aċċenn għal xi wieħed biss mill-fatti: dan ikun jammonta għall-elużjoni tal-motiv tal-liġi, ċjoè li tiġi mogħtija fir-rikors konjizzjoni ta' dak kollu li ġara (Kollez. Vol. XXVIII.IV.205);

3. Barra minhekk ir-reċitazzjoni tal-fatti fir-rikors ta' l-appell għandha tkun ċara, għaliex altrimenti ovvjament ma tkunx tissoddisfa l-iskop tagħha;

4. Minn eżami tar-rikors ta' l-appellant, l-unika frażi li forsi tagħti idea tal-fatti li wasslu għat-teħid ta' l-azzjoni kriminali preżenti hija din: "Id-Dipartiment tat-Taxxi wara li kien ikkonsidra u **aċċetta validità raġunijiet esponenti għat-tardività** ta' l-inkartamenti tiegħu....." Minn din il-frażi wieħed jista' jifhem, ċertament mhux mingħajr dubju, li l-appellant kien ippreżenta jew kien ser jippreżenta lid-"Dipartiment tat-Taxxi" xi "inkartamenti" wara li kien skada t-terminu mogħti għal dik il-preżentata, u li dak id-Dipartiment irrikonoxxa dak ir-ritard bħala validu jew ġustifikat. Dan evidentement ftit li xejn ma jitfa' dawl dwar x'kien ġara jew ma ġarax li ta lok għal din il-kawża. Għalhekk il-vot tal-liġi ma ġiex sodisfatt;

Għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni fuq imsemmija, u tiddikjara r-rikors ta' l-appell, u l-istess appell, irritu u null.